# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 5 ta' Frar 2001**

**Avviz. numru 217/00**

**Numru 28**

**Socjeta' U.C.I.M. Co. Ltd**

**vs**

**Jeffrey Aquilina u Antoinette Aquilina nee' Vella.**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tmien mija u tnejn u sittin lira Maltija (Lm862) rappresentanti import ta' sebgha (7) kambjali, 6 ta' Lm120 il-wahda u l-ohra ta' Lm142, debitament accettati u skaduti minn Gunju 1999 sa Dicembru 1999 rispettivament u mhux imhallsa, annessi mal-avviz bhala dokumenti numri minn 1 sa 7 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' April 1999 u bl-imghax kummercjali mill-iskadenza tal-kambjali li sal-31 ta' Jannar 2000 jammontaw ghal Lm38 oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-kambjalijiet annessi mal-istess avviz.

Wara li rat in-nota ta’ cessjoni tat-22 ta’ Jannar 2001 li biha is-socjeta’ attrici cediet l-istess meritu tal-kawza pero zammet ferm fuq il-kap tal-ispejjez.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fit-22 ta' Jannar 2000 meta gew prezentati l-kapitoli, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu tilqa t-talba tas-socjeta attrici in rigward il-kap tal-ispejjez u tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex jhallsu lis-socjeta’ attrici l-ispejjes kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta‘ April 1999.

Alan Calleja
Dep.Reg